



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' April 2022
(OR. en)

8409/22

LIMITE

CORLX 375
CFSP/PESC 525
CYBER 129
JAI 522
FIN 462

PROPOSTA

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali
data meta waslet:	25 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument HR(2022) 105.

Mehmuż: HR(2022) 105

HR(2022) 105
Limited

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill

tal-25/04/2022

għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PEŠK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha

HR(2022) 105
Limited

HR(2022) 105

Limited

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' [jj/xx/2022]

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attacchi ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi kontra attacchi ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tapplika sat-18 ta' Mejju 2022. Abbażi ta' rieżami, il-validità ta' dik id-Deċiżjoni għandha tiġi estiża sat-18 ta' Mejju 2025 u l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġu estiżi sat-18 ta' Mejju 2023.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-18 ta' Mejju 2025 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness sat-18 ta' Mejju 2023.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attacchi ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha ([ĠU L 129I, 17.5.2019, p. 13](#)).

HR(2022) 105
Limited

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

